MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 579/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**George Muscat**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,179.65c (elf, mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) rappresentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma kif ukoll ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond ghall-perjodu bejn is-7 ta' Settembru, 1996 sa l-14 ta' Novembru, 1997 skond il-kont numru 005024990 u d-dokument anness ma' l-Avviz u mmarkat WSC 1.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm8.75c (tmien liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) spejjez ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru, 1998 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut hallas is-sorte biss fil-mori tal-kawza;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici ghal imghax skond dokument WSC 2 fl-ammont ta' Lm548.88c (hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) u ghall-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------